**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni numru 964/2015**

**Illum 7 ta' Marzu, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Omissis** detentur tal-karta tal-identita' numru 256268 (M) billi huwa akkuzat talli:

Bejn 22:00hrs tas-27 ta' Dicembru 2015 gewwa Triq it-Torri San Gwann, il-Birgu kif ukoll fil-Birgu, Malta ingurja, hedded, ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 526, PC 831 u PC 535, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzgha jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artiklu 95 tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9;

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 526, PC 831 u PC 535, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni

tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9;

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' PC 526 Sergio Spiteri, ta' natura hafifa jew igibilha disordni f'mohhha u dan bi skur tal-Artikolu 214, 215 u 221 tal-Kodici Kriinali tal-Kap. 9;

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijiem fl-Artikolu ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta' aktar minn €250 izda inqas minn €2500 rispettivament u dan bi ksur tal-Artikolul 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9;

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artiklu 338(dd) tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9;

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies b'ghajjat, jew b'mod iehor u dan bi ksur tal-Artiklu 338(m) tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9;

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi ma obdiex ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qed jaghmel dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi ordnat jew seta' jaghmel jew billi gab fix-xejn, jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel sont il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun, kemm 'il darba din id-disubbidjenza jew indhil ma jkunux jaqghu taht id-disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici jew ta' Ligi ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9;

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi hebb kontra PC 526, PC 831 u PC 535 sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara li dawn il-persuni jew lil haddiehor, kemm 'il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi

dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (d) tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9;

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel bi vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta' ta' haddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel dan l-Artikolu u l-anqas band'ohra f'dan il-Kodici u dan bi ksur tal-Artikolu 340(d) tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti waqt li kienet qieghda tikteb din is-sentenza zammet f'mohhha dak mistqarr minn **Charles J. Scicluna** Arċisqof ta' Malta u **Mario Grech** Isqof ta' Għawdex fil-**Pastorali Randan 2016.**

> *Min minna ma jafx x'inhu l-mard? Fl-istess nifs li ssemmi l-bniedem, ma tistax ma ssemmix il-mard. Ladarba aħna dgħajfin, aħna suġġetti għall-mard. Imma għalkemm il-mard huwa parti mill-istorja ta' kull wieħed u waħda minna, mhux kulħadd jiffaċċjah bl-istess mod: issib min jaċċetta l-marda tiegħu, imma hemm min jitgħawweġ u jitkisser taħt il-piż kiefer tal-mard; anzi ħafna drabi mal-persuna marida jbatu tal-familja u dawk ta' madwarha.*

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni, hniena, tama u thalli bibien miftuha.

Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-**Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani** nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013:

*"Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din mhix utopija, nistgħu naslu għaliha. Mhix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw."*

Din il-Qorti tipprova li meta taghmel Gustizzja kif hu mistenni minnha, ma tikkawzax aktar gerhiet, kif stqarr l-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech fil-25 ta' Novembru 2015:

*Għalkemm il-ġustizzja hija kejl meħtieġ għas-soċjetà, l-esperjenza tixhdilna li bil-ġustizzja biss ma rnexxilniex inġibu l-ordni u l-paċi. Għalkemm għandna l-qrati bħala strutturi li jiggarantixxu l-ġustizzja, mhux biss ħafna feriti jibqgħu ma jagħlqux, imma xi drabi l-istess strutturi jikkawżaw ġerħat oħra.*

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

**Responsbilta' kriminali**

L-Artikolu 33 tal-Kap 9 jghid li "*Kull persuna tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas -*
*(a) kienet fi stat ta' ġenn; jew*
*(b) kienet imġiegħla b'forza barranija li ma setgħatx tirreżisti għaliha.*"

In segwitu ghax-xiehda moghtija minn Dottor Joseph Spiteri u rrelata dwar l-istat mentali tieghu b'referenza partikolari ghall-mument tal-kommissjoni tar-reat, Dottor Spiteri ezamina lill-imputat Omissis wara l-incident fl-isptar fejn kien qieghed jinzamm fejn irrizulta li f'termini tal-ligi jaqa' taht mard ta' genn kroniku li jaffettwa l-volere u l-intendere. Il-Psikjatra semma' kif:

*"meta kien sehh ir-reat kien hemm stat ta' genn dak il-hin. Però llum il-gurnata ghax digà ha l-medicini digà hemm bizzejjed gharfien illi tjieb.*

*Allura forsi meta wiehed ukoll jizen ir-reat fih innifsu forsi wiehed ikun naqra kiefer hafna jekk tinqaghtalu ghal Mount Carmel."*

Artikolu 2 tal-ATT DWAR IS-SAĦĦA MENTALI [KAP. 525] jiddefenixxi "dizordni mentali" bhala "*disfunzjoni mentali jew ta' mġiba sinifikanti, murija b'sinjali u, jew sintomi li jindikaw distorsjoni fil-funzjonament mentali, inkluz' disturbi f'xi qasam wieħed jew aktar tal-ħsieb, burdati, rieda, perċezzjoni, fehma, orjentament jew memorja li jkunu daqstant preżenti hekk li jitqiesu li jkunu patoloġiċi kif klassifikati fi standards mediċi u dijanjostiċi aċċettati internazzjonalment u "mard mentali" għandha tiftiehem b'dan il-mod, u għall-fini għal kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' proċedimenti kriminali, għandha tinkludi "ġenn" kif dan jiftiehem għall-fini tal-Kodiċi Kriminali;*"

Il-Qorti kkunsidrat ukoll dak li ntqal fid-decizjoni tal-Appell Kriminali Numru. 158/2004 **Il-Pulizija v. Paul Micallef** ... omissis ... tal-20 ta' Lulju,2005.

Il-Qorti wara li semghet il-provi, kkonsidrat x'tipprovdi l-ligi tiddeciedi li hemm l-estremi biex jigi applikat l-artikolu 33 tal-Kap. 9 u konsegwentement jiddikjara lill-imsemmi Omissis ezenti minn kull responsabbilta` kriminali fil-gurnata u l-hin li twettqu reati akkuzat bihom.

Inoltre, wara li rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi tal-każ Omissis ghandu jitqiegħed taħt ordni ta' trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, stante li l-Qorti tqis li huwa meħtieġ li jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet psikoloġiċi li jidher affetwat minnhom li wasluh ukoll biex jiddelinkwi. Għalhekk ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoġġi lill-Omissis taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' trattament għal perjodu ta' sentejn millum, b'dan li Omissis ghandu jkun taht il-kura ta' Dr Joseph Spiteri.

Il-Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li jkollu jaffaċċja Omissis fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu.

Il-Qorti tiehu l-opportunita' li twassal dan il-hsieb ta' Madre Tereza:

*Life is an opportunity, benefit from it.*
*Life is beauty, admire it.*
*Life is a dream, realize it.*
*Life is a challenge, meet it.*
*Life is a duty, complete it.*
*Life is a game, play it.*
*Life is a promise, fulfill it.*
*Life is sorrow, overcome it.*
*Life is a song, sing it.*
*Life is a struggle, accept it.*
*Life is a tragedy, confront it.*
*Life is an adventure, dare it.*
*Life is luck, make it.*
*Life is too precious, do not destroy it.*
*Life is life, fight for it.*

Finalment il-Qorti tordna li isem u kunjom Omissis m'ghandux jigi pubblikat f' xi mezz tax-xandir jew tal- istampa.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**